# KONSA TA' MGHALLEM INDRI'

**MINN**

**F.X. MANGION**

WARA s-snin il-kbar, kelli għax nerġa' nżur ir-raħal ċkejken fejn twelidt. Għaddejt quddiem id-dar fejn għext tfuliti u żgħożiti kollha, u rajt li issa kienet tgħammar hemm nies oħra: omm, għadha fl-aħjar tagħha, ħarġet tiġri wara naqra ta' sabi mqareb, qisu jien fuq ħamsin sena ilu ... Fit-tarf tat-triq laqtitni dar qadima, magħluqa kollha, sa taqa' biċċa biċċa; kull naħa u quddiemha kien tela' bini ġdid; hi baqgħet hemm, imħaxkna, bħal waħda li nqabdet fir-rassa, u titlob b'ħerqa li tinbeżaq barra.

Min jaf kemm-il darba sabbatt dik il-ħabbata tqila tal-bwejba żgħira fl-oħra daqsiex tar-rimessa, bwejba dejjem imbexxqa fuq il-ganċetta. Kienet tiġi tiftaħli mara mdaħħla fiż-żmien, milwija ganċ, wiċċha mkemmex, u b'ħarira mustaċċi fuq ix-xoffa ta' fuq.

"Ġejt għall-xbejniet?" kienet dejjem tistaqsini. Imbagħad iddaħħalni mill-bieb 'il ġewwa, teħodli l-platt minn idi, taqsam l-intrata għall-bitħa mimlija qsari, u ġġibli tużżana ġbejniet friski. Xi daqqiet, kienet tnewwilli frotta, u darba daħħlitni fil-ġnien kbir, mimli siġar tal-għeneb, tal-lumi u tal-larinġ, tat-tin u tal-bajtar tax-xewk, u qatgħetli xenxul għeneb.

Kemm kienet sofriet, imsejkna ta' mara! L-istorja ta' ħajjitha sirt nafha wara li mietet. Sakemm għexet f'dar missierha, Konsa, tifla waħedha, medhija bil-ġnien u l-annimali, u tgħin 'l ommha fil-faċendi tad-dar, ma kienet qatt daqet imrar. Missierha kien sid żewġ barrieri, Mgħallem Indrì. Mgħallem Indrì kien bniedem daqsiex, b'mustaċċi ta' gwapp imdendlin, b'ċiera mqita, xagħru iswed tuta aktarx ħafif fil-qorriegħa, tassew iġiblek suġġezzjoni tħares lejh biex ma ngħidx ibeżżgħek, kif kien ibażża' lili r-ritratt tiegħu imdendel fl-intrata ta' daru. Ommha, ħlief li liebsa l-iswed u bil-kurkar, ma naf fuqha xejn.

L-għawġ għal Konsa tagħna beda meta żagħżugħ, wisq iżgħar minnha, ħares lejha, kellimha u bagħat joħtobha. Toni tal-Qorru, kif kienu jsejħulu, kien żagħżugħ sabiħ, xagħru isfar deheb, u għajnejh żoroq, imma kemm kemm kiesaħ, u — skond missier Konsa — għażżien daqs is-sejf ta' San Pawl. Jien, għadni tifel, sirt nafu wara li reġa' lura mis-safar, dejjem bil-qiegħda fuq it-taraġ tas-salib fil-misraħ, igerrem xi tibna jew ipejjep u jissindika lil kull min ikun għaddej. Missier Konsa ma ridhiex ikollha x'taqsam miegħu; qallha li Toni kien qiegħed igħodd fuq ġidha, u li b'rasha jdur jekk jiġi li titlef għaqalha fuqu.

"Sakemm nibqa' ħaj jien," widdibha Mgħallem Indrì, "Toni ma jidħolx f'dari; u jekk inti twebbes rasek li tieħdu b'żewġek, l-anqas int ma tirfes fuq l-għatba ta' biebi."

Darba, meta x-xemx kienet inħbiet wara Ta' l-Għolja u l-Ave Marija kienet ilha li daqqet, 'l-Imgħallem Indrì ġibuh id-dar fuq l-idejn. Qalu li waqt li kien idur f'waħda mill-barrieri biex ifassal ix-xogħol ta' l-għada, waqa' minn fuq fallakka, u ndarab sewwa. Kien hemm min qal — u f'raħal ċkejken l-ilsna ma jonqsux — li xi ħadd ċaqlaqlu l-fallakka, jew imbuttar. Hu x'inhu. Mgħallem Indrì dam sewwa marid, u wara l-marda baqa' jzappap.

Konsa, meta marad missierha, għall-ewwel baqgħet id-dar, u, tista' tgħid, ma ħariġitx minn hemm. Imma Toni ma qatax qalbu, u baqa' jistad-ha. Bdew jiltaqgħu bil-moħbi u fid-dlam, u fl-aħħar ix-xebba sabet ruħha tqila u ż-żwieġ kellu jsir il-lejla qabel għada.

Missier Konsa, meta qalulu, għadab bis-sħiħ, u, bir-ragħwa f'ħalqu, seħet lit-tifla.

"Dieħla fil-ħajja miżżewġa," qalilha, "mit-triq tad-diżunur, u qatt ma jkollok hena f'darek. Jien dak li jmissek minn ġidi nagħtik nofsu issa: hekk żewġek ikollu x'iberbaq, x'jilgħab, u x'jisker, imma bil-kundizzjoni li ssiefru; u, sakemm nibqa' ħaj jien, ma terġgħux lura f'Malta. Jekk żew-ġek dan il-patt ma jogħġbux, ma tieħu xejn, la issa u l-anqas wara l-mewt tiegħi u t'ommok. Iżda tista' tibqa' żgura li Toni tiegħek ma jgħidx le."

Konsa u Toni żżewġu f'xahrejn, u marru joqogħdu f'Toronto, il-Kanada.

Toni, kif kien ħabbar Mgħallem Indrì, ma damx ma berbaq ġid il-mara. It-tifel li kellhom ħareġ jixbah lil missieru, mhux biss fil-wiċċ, f'lewn għaj-nejh u kulur xagħru, u fil-mixja kiesħa mxengla, imma fl-għadiet ħżiena tiegħu wkoll. Ippruvat Konsa ddarrih għat-tajjeb, bħal ma fl-ewwel sena kienet tħabtet biex tbiddel lil żewgħa; imma l-missier, l-aktar bl-eż-empju, lil ibnu kien iħassru, u l-isforzi tagħha sfaw fix-xejn. Fid-dar kien id-disprament tagħha; fl-iskola kien buli, u jidħol f'kull ġlieda u f'kull għawġ, sakemm fl-aħħar inqabad jisraq u tkeċċa bis-saqajn. Ma kienx għadu għalaq il-wieħed-u-għoxrin sena tiegħu li ma sabx ruħu misrum fi ġlieda li fiha fiera sewwa żagħżugħ ieħor: kellu jaħrab ħin bla waqt, u niesu qatt ma semgħu minn għandu aktar.

Alla biss jaf x'sofriet it-twajba omm: itturufnata minn pajjiżha, im-keċċija mid-dar, bis-saħta ta' missierha ddamdam ġo widnejha lejl u nhar, dak li kien iżommha fuq riġlejha kien ix-xogħol ta' ħajjata, li kienet qab-det biex igħixu hi u żewġha, u t-tama f'Alla li kienet titlob bl-aqwa ħerqa. Toni b'impjieg sod ma ried jaf qatt, u kull fl-għaxija minn flusu jew minn flus ħbiebu kien jisker, u mbagħad jiġi d-dar jisfoga l-passjonijiet tiegħu mal-mara.

Minn din il-ħerba ta' dar fl-aħħar nibtet warda sabiħa — Marija, li donnha waslet biex ittaffi n-niket ta' ħajjiet Konsa. Marija wirtet għaj-nejn missierha u sbuħitu u l-għaqal u t-tjubija t'ommha, imma twieldet

ċkejkna u dgħajfa. Il-manjieri tagħha kienu jsaħħru lil kull min jaraha: anki missierha kien jeħla meta jkun magħha. U sakemm għexet fid-dar ta' Konsa, man-niket daħal is-sliem; Konsa bil-qajl il-qajl insiet is-saħta ta' missierha. Tassew li Marija baqgħet dejjem sfajra u marradija. L-omm kienet taħdem bla ħedu biex taqla' biżżejjed għall-familja u ma tħalli 'l bintha nieqsa minn xejn. Imma Marija ma kenitx ta' din id-dinja, u marda kiefra u qasira serqitha minn ħdan ommha għal dejjem. Kien kolp tal-biża' għall-imsejkna Konsa, li għall-ewwel ma kenitx taf fejn tagħti rasha. Bkiet it-telfa taċ-ċkejkna tagħha sa kemm kellha dmugħ, u biss il-ħniena t'Alla u t-talb bla ma jaqta' tagħha riedu jkunu biex ma jagħtihiex ferħ ta' ġenn.

Tul iż-żmien li kienet imsiefra, Konsa qatgħet kull irbit, mhux biss minn mal-familja imma wkoll, minn ma' pijjiżha. Maltin ftit kienu jiġu għandha għall-ħjata, għax ftit Maltin kienu jgħammru n-naħiet tagħhom. Minn kien jafha fuq il-familja tagħha ma kien jaf xejn, għax Konsa kienet minnha fommha sieket. Dan l-aħħar, iżda, kienu ġew joqogħdu qrib tagħhom xi nies Maltin ġejjin minn raħal ieħor mhux bogħod minn tagħha: kienu jafuha sewwa, u tawha l-aħħar aħbarijiet fuq ir-raħal u fuq niesha. Karmni, il-mara, li kellha lsien igħid daqs tellerita, ma waqfetx tieħu n-nifs qabel ma ferrgħet ix-xkora kollha:

"Missierek inbaram tliet snin wara li tlaqt int; ommok kienet għadha ħajja meta tlaqna, għalkemm qatt ma toħroġ mid-dar ħlief għall-quddiesa ta' l-ewwel. Missierek qabel miet qalu li ġegħilha taħliflu li ma tħallikx tirfes fid-dar. Imma min mewtu għaddew is-snin, u naħseb li kieku kellek terġa' lura, tilqgħek b'idejha miftuħa ..."

Filgħaxija, tkellmitha ma' Toni li dan l-aħħar kien sar donnu ġisem bla ħajja. "Immorru," qalilha; "jien xbajt hawn għal kollox; ħaqq il-passaġġ tat-tnejn għandna, u r-raħal int tista' taħden ta' ħajjata, u jiena nħawtel fil-ġnien u l-ġonta raba' ta' wara d-dar ta' missierek ...".

Qatgħu l-biljetti u telqu ma' l-ewwel vapur għal Napli. Sabu 'l omm Konsa marida, u mara barranija tieħu ħsiebhom. Ferħet l-omm meta rat lil Konsa u 'l żewġha, u faħħret 'l Alla u żżiethajr lill-Madonna talli, wara s-snin it-twal, kienet semgħet talbha. Imma x-xwejħa kienet misjura, u ftit xhur wara, Konsa sejħitilha l-vjatku u l-omm mietet mal-lejl.

Għal tliet snin, Toni u Konsa għexu fid-dar tal-familja ta' Mgħallem Indrì: in-nies drathom u kienet iġġibhom. Imma Toni x-xorb ma qatgħu qatt, u miet b'attakk f'qalbu, mewta ta' malajr. Konsa naqqset fix-xogħol tal-ħjata, u baqgħet tgħix mill-ġnien, mill-annimali u minn dak li kellha. Mardet bis-sinsla, u biex iddur biha ġiet toqgħod magħha oħt Toni, u baqgħet tmur torqod għandha. Wara li fieqet mill-marda Konsa baqgħet imgħawġa ganċ, hekk kif kont nafha jien, meta, għandi tifel, kont immur nixtri minn għandha.